# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XX**
**Illum l-Erbgha, 21 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 264/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Cini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta' citazzjoni li ggib id-data tas-6 ta' Dicembru, 1999) kontra Joseph Cini talli b'diversi atti, maghmulin u koll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda (**1**) fit-tnax-il xahar qabel ic-citazzjoni, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' kwantita` ta' madum, zebgha u accessorji tad-dar, kif ukoll apparat tal-bahar u statwa ghal valur li jeccedi l-elf lira, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur, bil-lok u bil-hin, a dannu ta' Anthony Schembri mill-Qawra u persuni ohra; (**2**) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara, xjentement laqgha ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (**3**) talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Mejju, 1993, 30 ta' Novembru, 1993, 29 ta' Awissu, 1994, 2 ta' Lulju 1996, 30 ta' Lulju, 1997 u 3 ta' Lulju, 1998, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; kif ukoll kien akkuzat talli (**4**) kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 moghti b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Lulju, 1998 fejn l-imsemmi Cini kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali tas-26 ta' Settembru, 2000 (fol. 129);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Novembru, 2000, li fil-parti dispozittiva taghha tghid hekk:

"Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imsemmi Joseph Cini ghall-imputazzjoni ta' serq ma thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi imputat hati ta' serq.

"Fir-rigward tal-piena, fil-waqt illi din il-Qorti qeghda tillibera lill-imsemmi imputat mit-tieni imputazzjoni, ghandha dan xi tghid rigward l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

"Minhabba l-kooperazzjoni tal-imputat mal-Awtoritajiet Investigattivi u minhabba l-fatt illi r-refurtiva giet kollha rekuperata anke bl-ghajnuna tal-istess imputat u peress illi l-imputat wera lill-Qorti illi hu serjament jixtieq jirriforma ruhhu u illi llum, wara programm relattiv jinsab ikkurat mill-problema tad-droga, l-Qorti temmen illi piena karcerarja tkun ta' detriment kbir sia ghall-imputat, sia wkoll ghall-familja tieghu li tinkludi zewgt itfal zghar u tarbija ohra naxxenti. Minn naha l-ohra l-gustizzja mhux biss trid issir, izda tidher li qed issir, u d-debitu lejn is-socjeta` ghandu jigi ripagat.

"Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imsemmi Joseph Cini ghall-multa ta' elf lira maltin (Lm1,000), b'sentejn zmien ghall-hlas.

"Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-30 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2001; ikkunsidrat:

L-Avukat Generali qed jappella a bazi tal-Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi li l-imsemmi Avukat Generali ghandu dritt ta' appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali "meta l-piena moghtija mill-qorti inferjuri, fix-xorta jew fil-kobor taghha, ma tkunx dik ikkontemplata mill-ligi ghar-reat li fuqu l-ikkundannat ikun gie misjub hati". Jinghad mill-ewwel u bla tlaqliq li l-Avukat Generali ghandu ragun jilmenta mill-piena moghtija lill-appellat (allura imputat) mill-ewwel qorti. Il-piena komminata mill-ligi ghar-reat ta' serq kwalifikat hija dik ta' prigunerija (u dan apparti kwistjonijiet ta' recidiva jew ksur tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152). Issa, fis-sentenza appellata, l-ewwel qorti mkien ma nvokat l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Pero` anke li kieku wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument biss, jghid li l-ewwel qorti applikat l-imsemmi Artikolu 21 – din il-Qorti ma tara xejn *specjali* u *straordinarju* fir-ragunijiet migjuba mill-ewwel qorti ghala kienet qed tinfliggi l-piena ta' multa flok il-piena ta' prigunerija – il-piena pekunjarja ma setghet qatt tkun ta' elf lira. Kif fissret din il-Qorti, kollegjalment komposta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Novembru, 1990 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Borg u Carmel sive Charles Borg*** (Kollezz. Deciz. LXXIV.v.661), meta qorti, fid-diskrezzjoni li jgahtiha l-Artikolu 21, tiddeciedi mhux biss li tinfliggi piena li hi taht il-minimu stabbilit mil-ligi, izda wkoll li dik il-piena tkun tikkonsisti f'multa, tali multa ma tistax teccedi l-limitu previst fl-Artikolu 11(1) tal-Kodici Kriminali, cioe` ma tistax tkun aktar minn hames mitt lira (Lm500). Mhux hekk biss, izda l-ewwel qorti ma setghet qatt tat lill-appellat sentejn zmien biex ihallas il-multa, sia jekk din il-multa tkun elf lira sia jekk tkun hames mitt lira. Skond l-ewwel proviso tas-

subartikolu (1) tal-Artikolu 14 tal-Kodici Kriminali, fil-kaz ta' multa iz-zmien ghall-hlas ma jistax ikun ta' aktar minn xahar. Ghalhekk l-ilment ta' l-Avukat Generali dwar il-piena hu gustifikat.

Skond in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali (fol. 129) ir-reat ta' serq kwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin li tieghu ammetta l-htija l-appellat Cini igib mieghu piena ta' prigunerija minn minimu ta' tlettax-il (13) xahar u ghoxrin (20) gurnata sa massimu ta' erba' (4) snin, u dan apparti kwalsiasi kwistjoni ta' recidiva. Fl-imsemmija nota l-Avukat Generali ma jiddistingwix bejn il-paragrafu (a) u l-paragrafu (b) tal-Artikolu 279 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti ghandha tqis l-anqas fost iz-zewg aggravji tal-valur u cioe` li l-valur tal-haga misruqa, ghalkemm kien jeccedi l-mitt lira (Art. 267), ma kienx jeccedi l-elf lira. Anqas ma indika l-Avukat Generali l-Artikolu 18, u ghalhekk huwa eskluda r-reat kontinwat. L-istess jista' jinghad ghar-raba' imputazzjoni: l-Avukat Generali fin-nota msemmija, naqas milli jikkwota l-Artikolu 10(1)(a) tal-Kap. 152 u ghalhekk implicitament irrinunzja ghal din l-imputazzjoni – ghalkemm l-ewwel qorti jidher li xorta sabitu hati taghha!! Fin-nuqqas ta' appell da parti ta' Cini, din il-Qorti ma tista' taghmel xejn dwar din l-imputazzjoni, hlief li zzomm quddiem ghajnejha dana l-fatt ghall-finijiet ta' piena.

L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, irrimarkat dwar il-fatt li l-appellat ammetta l-htija tieghu fl-bidu nett tal-kawza, jigifieri kif appena tressaq quddiem il-Qorti Inferjuri, u li hu anke kkoopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom. Dan huwa minnu. Pero` huwa minnu wkoll li hu ghandu fedina penali b'xejn anqas minn tlieta w ghoxrin kundanna, fosthom kundanni ghal glied, harb mill-habs, pussess ta' droga u serq. Ma hemm ebda prova fil-process – u anqas ingabet xi prova f'dana l-istadju ta' appell – dwar dak li hemm imsemmi fis-sentenza appellata fis-sens li l-appellat wera "illi hu serjament jixtieq jirriforma ruhhu u illi llum, wara programm relattiv jinsab ikkurat mill-problema tad-droga".

Ghall-motivi premessi, tilqa l-appell ta' l-Avukat Generali u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Joseph Cini multa ta' elf lira b'sentejn zmien ghall-hlas, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija mill-lum; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur